

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000207/2011

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Georgios Koumoutsakos, Elmar Brok, Ioannis Kasoulides

f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: L-aħħar żviluppi fir-reġjun tal-Lvant tal-Mediterran

F'dawn l-aħħar xhur konna xieħda taż-żieda ta' tensjoni fir-reġjun tal-Lvant tal-Mediterran.

Ir-relazzjonijiet Torok-Iżraeljani aggravaw It-Turkija waqqgħet il-livell fir-relazzjonijiet mal-Iżrael billi ssospendiet kemm ir-relazzjonijiet militari kif ukoll dawk kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi u keċċiet l-ambaxxatur Iżraeljan, id-deputat tiegħu u xi diplomatiċi Iżraeljani għolja oħra mit-territorju tagħha bħala reazzjoni għar-rifjut tal-Iżrael li jitlob skuża jew iħallas kumpens lid-disa' attivisti Torok li nqatlu mill-komandos Iżraeljani fuq konvoj tal-għajnunna li pprova jегħleb l-imblokk tal-baħar Iżraeljan ta' Gaza fl-2010.

Fattur ieħor fit-tensjoni tar-reġjun huwa l-fatt li t-Turkija tirrifjuta li taċċetta li Stat Membru tal-UE jeżerċita d-drittijiet sovrani legali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), li hija parti mill-acquis communautaire. Kull Stat Membru tal-UE, l-UE stess u l-pajjiżi kandidati kollha ħlief wieħed huma parti kontendenti tagħha.

Li jżid mat-tħassib huwa l-fatt li r-rifjut imsemmi huwa akkumpanjat minn sqarrijiet uffiċjali tal-istampa u dikjarazzjonijiet ta' teddid li jinvolvu reazzjonijiet qawwija - waħda militari mhix eskluża - jekk drittijiet bħal dawn jiġu eżerċitati; jiġifieri, jekk ir-Repubblika ta' Ċipru twettaq tfittxija għal żejt u gass naturali fiż-Żona Ekonomika Esklussiva, fi sħab mal-kuntratturi internazzjonali. Inter alia, dal-proġett huwa kontribuzzjoni għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u differenzazzjoni tal-provvista.

Wara li kkunsidrat ir-rwol importanti tal-UE f'reġjun tant kritiku għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali, il-Kummissjoni qed tiġi mistoqsija l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Hija mħassba dwar is-sitwazzjoni fir-reġjun tal-Lvant tal-Mediterran? X'inhi l-valutazzjoni tas-SEAE? X'inhuma l-konklużjonijiet li waslet għalihom?
- X'azzjoni diplomatika bi ħsiebha tiegħu l-UE fuq il-bażi tal-konformità mal-Liġi Internazzjonali, u partikolarment l-UNCLOS, kif ukoll fuq il-prinċipju tas-solidarjetà kif ipprovdut fit-Trattat ta' Lisbona?
- X'inhi r-reazzjoni tal-UE għall-istqarrijiet uffiċjali ta-Turkija dwar l-iffriżar tal-kuntratti mal-UE waqt il-Presidenza ta' Ċipru?

Imressqa: 20.9.2011

Mgħoddija: 22.9.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 29.9.2011